VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,010, 15 ta' Ġunju, 2018
Taqsima B

A.L. 190 tal-2018

KODIĊI TAL-LIĠIJIET TAL-PULIZIJA (KAP. 10)

Regolamenti tal-2018 li jemendaw ir-Regolamenti biex Jinżamm il-Bon Ordni f'Lokalitajiet ta' Divertiment

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 183(2) u 203 tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija, il-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti huwa r-Regolamenti tal-2018 li jemendaw ir-Regolamenti biex Jinżamm il-Bon Ordni f'Lokalijiet ta' Divertiment, u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti biex Jinżamm il-Bon Ordni f'Lokalitajiet ta' Divertiment hawn aktar 'il quddiem imsejjħa "ir-regolamenti prinċipali". L.S. 217.06

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

2. Fir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali, fit-tifsira "lokalità ta' divertiment" il-kliem "post ta' kunċert;" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "post ta' kunċert." u minnufih wara għandu jiżdied dan li ġej:

"Kull post mhux liċenzjat li jkun qed jintuża biex jospita avvenimenti fil-miftuħ għall-persuni taħt is-sbatax-il sena għandu, għall-fini ta' dawn ir-regolamenti, jitqies bħala post ta' divertiment.".

Jemenda r-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali.

3. Fis-subregolament (2) tar-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali, il-kliem "kif inhu xieraq." għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "kif inhu xieraq:" u minnufih wara għandhom jiżdiedu dawn il-provisos ġodda u s-subartikolu ġdid (7) li ġejjin:

"Iżda kull meta jiġi organizzat avveniment fil-miftuħ għal dawn il-persuni f'postijiet mhux liċenzjati, dak l-avveniment għandu jkun kopert minn garanzija mill-bank ta' ħamest elef euro (€ 5,000):

Iżda wkoll avvenimenti fil-miftuħ li jsiru f'żona ta' 750 metru kwadru jew inqas m'għandhomx ikunu suġġetti għal garanzija mill-bank.

"(7) Kull impjegat li jkun preżenti f'xi avveniment fil-miftuħ fejn jkun hemm persuni taħt is-sbatax-il sena għandu jiġi eżaminat mill-Kummissarju biex jiżgura li dan l-impjegat jkun

VERŻJONI ELETTRONIKA

ta' kondotta tajba. Il-proprjetarju għandu għal dan il-għan jissottometti lill-Kummissarju lista tal-impjegati li se jkunu preżenti fl-avveniment fil-miftuħ mhux inqas minn ġimagħtejn qabel ma jsir l-avveniment fil-miftuħ.".